MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 288/2012

A B

vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni flimkien li minnha twieldet tifla li ghadha minorenni I D li ghandha kwazi tlett (3) snin skont l-anness certifikat tat-twelid;
2. Illi wara li din ir-relazzjoni intemmet l-esponenti fetah kawza sabiex il-minuri tigi rrikonoxxuta li hija tieghu billi jigi ddikjarat li huwa l-missier naturali u dan minhabba l-fatt li r-ragel tal-intimata beda jinsisti li hija tieghu;
3. Illi fil-mori tal-kawza gie dikjarat abbazi tan-DNA hawn anness illi t-tifla minuri hija tal-esponenti;
4. Illi ukoll anness ma din il-kawza hemm r-rapport ta’ David Grillo fejn stabilixxa modalita ta’ access bejn il-partijiet;
5. Illi fil-mori tal-kawza il-Qorti fil-kawza hawn fuq imsemmija ordnat lill-esponenti sabiex jintavola kawza ghax kienet se tillimita ruhha ghad-dikjarazzjoni ta’ paternita biss u mhux tistabilixxi modalitajiet ta’ access;
6. Illi l-intimata qeghda tirrifjuta li tersaq ghall-iffirmar ta’ kuntratt notarili li permezz tieghu jigu regolati l-pendenzi kollha dwar il-minuri I D u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;
7. Illi l-esponenti jaf illi l-intimata ghandha problemi trabbi il-minuri minhabba problemi mar-ragel taghha;
8. Illi l-esponenti ma ghandux problemi ma martu ghax hafritlu u lesta taccetta li trabbi il-minuri mieghu;

Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati debitament enumerati;

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tafda lir-rikorrenti bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri I salv l-access tal-intimata ghall-istess bint u bi provvediment dwar kif ghandu jigi ezercitat l-access fil-festi u f’jiem partikolari tas-sena;
2. Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti manteniment ghat-tifla minuri li jinkludi wkoll il-kontribut tal-intimata versu l-ispejjez ta’ l-edukazzjoni u sahha tat-tifla. B’dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti, u kif ukoll tipprovdi dwar kif ghandhom jigu percepiti l-beneficcji socjali li jithallsu mill-Istat ghall-minuri;

3. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-bint minuri fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u estra-kurrikulari u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li qeghda minn issa tigi ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li in forza taghha eccepiet :

1. Illi fl-ewwel lok dawn il-proceduri huma intempestivi billi ghad ma hemmx determinazzjoni li missier il-minuri I D ma huwiex J D hekk kif jidher fuq ic-certifikat tat-twelid u cioe il-persuna li hija mizzewga lill-esponenti;
2. Illi minghajr pregudizzju ghal dan ma huwiex minnu li kien hemm xi determinazzjoni gudizzjarja dwar min hu missier il-minuri kif huwa premess fit-tielet paragrafu tar-rikors guramentat;
3. Illi hekk kif jidher mill-proceduri ohra pendenti quddiem dina il-Qorti il-proceduri f'liema giet mitluba bdil fil-paternita tal-minuri I D ghadhom pendenti. Dawn huma l-proceduri fl-ismijiet "A B (490063M) vs C D f'isimha proprju u bhala kuratrici tal-minuri I D nominata b'digriet tal-14 ta' Jannar 2011 vs Direttur tar-Registru Pubbliku u J D li gie kjamat fil-kawza b'digriet tad-29 ta' Marzu 2011" **Rikors Numru 420/10 AL** li jinsabu pendenti u differiti ghall-informazzjoni ulterjuri wara li r-rikorrent kellu f'dawk il-proceduri jipprezenta nota fir-rigward tat-tmien eccezzjoni imressqa mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku;
4. Illi l-esponenti tiddikjara li kien dejjem zewgha u zewgt itfal taghha li lilha u lill-minuri tawha l-appogg u li l-minuri flimkien ma ommha flimkien ma missierha J D u huta. Illi ghalhekk ma huwiex fl-interess tal-minuri li din tigi mehuda minn fost il-familja taghha, fosthom ommha li dejjem hadet hsiebha sew, missierha registrat J li dejjem tahom sapport u ghozza u hutha li huma parti integrali mill-family unit taghha;

5. Illi ma huwiex minnu li bejn l-esponenti u zewgha J D hemm xi dizgwied. J D sar jaf bil-pretensjoni ta' A B dwar il-minuri wara li twieldet it-tifla u dan meta l-istess B heddu b'dan. Minkejja dan J baqa' jghozz lil minuri I bhala bintu, membru importanti tal-family unit li huwa ghandu ma martu C u zewgt itfal subien ohra. Sahansitra fl-eccezzjonijiet imressqa minnu fil-proceduri dwar il-paternita ecepixxa li I D ghandha zzomm kunjomu. Il-konjugi dejjem baqghu jghixu flimkien u hadd minnhom ma abbanduna d-dar jew il-familja u l-hajja tal-familja taghhom baqghet mixja;
6. Illi l-esponenti ma hijiex edotta mic-cirkustanzi tal-familja ta' A B izda dan jista' jigi mistharreg bil-hatra ta' esperti minn din il-Qorti;
7. Illi ma huwiex fl-interess tal-minuri I D li hija tittiehed minn qalb il-familja taghha, minn hdan ommha, hutha u zewg ommha semplicement ghaliex r-rikorrent irid ikollu l-kura u l-kustodja esklussiva taghha. L-interess tal-minuri huwa li tibqa' ma ommha u tghix qalb il-familja taghha hekk kif ilha taghmel mit-twelid taghha fejn hija tinsab mahbuba u mizmuma sew. Illi in oltre r-rikorrent ma huwiex idoneju sabiex jiehu hsieb il-bzonnijiet tal-minuri specjalment fl-eta taghha;
8. Illi in oltre kemm il-darba jigi determinat minn din il-Qorti fil-proceduri dwar il-paternita hawn fuq indikati li r-rikorrent huwa missier il-minuri il-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tibqa ghand ommha b'mod esklussiv u r-rikorrent jista' jinghata access fil-granet u hinijiet skont l-interess tal-minuri. Ir-rikorrent f'dawn ic-cirkostanzi ghandu ukoll jigi ordnat ihallas manteniment ghall-minuri, inkluz ghall-edukazzjoni u sahha;
9. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, u minn issa qieghed jigi ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza giet diffeC ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustojda tal-minuri I D[1] fejn min-naha tieghu r-rikorrent jikkontendi li ghandu jkun fdat bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-istess minuri, b'dan li qed jitlob ukoll li jkun hemm ordni ghall-hlas ta' manteniment. L-intimata min-naha taghha tghid li ghalkemm fl-ewwel lok irid jigi stabbilit jekk ir-rikorrent huwiex verament missier il-minuri, huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li tkun hi li tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri b'dan li jkun ir-rikorrent li jhallas manteniment. Irid jinghad mill-bidu li c-certifikat tat-twelid esebit mar-rikors promotur jghajjat lil J D bhala l-missier naturali tal-istess, minuri (ghalkemm it-test ta'paternita' esebit mal-istess rikors promotur jghid mod iehor).

Il-Qorti mill-ewwel tirrileva li kawzi bhal ma hija dik prezenti ghandhom jigu decizi abbazi tal-principju generali tal-ahjar interessi tal-minuri.

**<u>Verzjoni tar-rikorrent</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[2] r-rikorrent jammetti li kellu relazzjoni extra-matrimonjali mal-intimata, liema relazzjoni damet madwar tliet (3) snin u frott ta' din ir-relazzjoni twieldet il-minuri I. Jghid li wara li twieldet it-tarbija, ammetta kollox ma' martu, waqfet ir-relazzjoni mal-intimata b'dan li martu hafritlu u regghu irrangaw. Mhux hekk biss, talli martu accettat li trabbi u tiehu hsieb lil din l-istess minuri wkoll. Jghid li dwar il-kwistjoni ta' paternita', diga' intavola kawza li giet imhollija ghas-sentenza. Jiddikjara

[1] Ara c-certifikat tat-twelid taghha esebit a fol 13 tal-process
[2] Esebit a fol 22 tal-process

li qieghed jitlob il-kura u l-kustodja tal-minuri abbazi tal-fatt li l-intimata ghandha l-problemi mar-ragel taghha u dan qieghed ikun ta' detriment ghall-minuri. Jaghlaq billi jghid li martu lesta li trabbi lit-tarbija kif inhu lest li jaghmel hu wkoll.

Imbaghad permezz tax-xiehda tieghu[3] jghid li qieghed jaghmel din il-kawza minhabba l-access peress li jsostni li qieghed jara lil bintu taht supervizjoni abbazi ta' gidba. Jghid li darba minnhom l-intimata cemplitlu u qaltlu li kellha l-problemi d-dar bir-rizultat li l-partijiet regghu bdew jiltaqghu u damu diversi xhur flimkien, izda l-mara tieghu indunat u marret tkellem lill-intimata. Din tal-ahhar qaltlu li ahjar ma jiltaqghux aktar biex ma joholqux inkwiet izda hedditu li jekk jikxifha mar-ragel, tmur l-ghassa u tallega li 'baghbas' lit-tifla. Jghid li meta qaltlu dan il-kliem inkwieta u cemplilha biex ma tergax tghid kliem bhal dak izda t-telefonata spiccat fi glieda ghaliex gie r-ragel taghha. Dan kien fit-3 ta' April 2013. Jghid li lit-tifla qalulha li mhux ser tara aktar lil missierha.

**<u>Il-verzjoni tal-Intimata</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[4], l-intimata tikkonferma r-relazzjoni extra-matrimonjali li kellha mal-attur b'dan li tghid li wara l-ewwel xahar riedet ittemmha izda minhabba l-insistenza u l-agir vjolenti u ta' theddid da parti tar-rikorrent dan ma sehhx. Tghid li l-minuri I twieldet fiz-zwieg u inghatat il-kunjom D. Tirrakkonta kif wara li twieldet it-tarbija ma riditx tiltaqa' aktar mar-rikorrent, izda dan tal-ahhar ma riedx jaf u kien jhedded li jekk mhux ser tiltaqa' mieghu kien ser jikxifha mar-ragel. Ir-relazzjoni ta' bejniethom intemmet meta saret telefonata bejn l-istess rikorrent u zewgha u sar diskors da parti tal-istess rikorrent fejn stqarr li hu u l-intimata ghandhom relazzjoni kif ukoll li kien il-habs u li ma riedx jerga' jmur 'l hemm.

---

[3] Datata l-15 ta' Mejju 2013 u esebita a fol 27 tal-process
[4] Esebit a fol 113 tal-process

Tirrakkonta kif l-access tar-rikorrent ghall-ewwel beda jsir gewwa l-Agenzija Appogg, imbaghad wara li l-Qorti (ghalkemm f'kawza ohra) hatret lil Mr. David Grillo sabiex jirrelata dwar l-access ghall-minuri, l-istess access ma baqax isir taht supervizjoni ghalkemm xorta wahda kien hemm xi problemi, tant li l-intimata tiddikajra li saru diversi rapporti minnha dwar tali access.

Tghid ukoll li l-minuri spjegatilha li missierha (r-rikorrent) kien agixxa b'mod mhux xieraq maghha u zzid tghid ukoll li l-minuri qalet diversi drabi li l-istess rikorrent isawwatha. Izzid tghid li kkonfrontat lill-attur dwar dan izda nnega. Meta t-tifla bdiet tnehhi anke l-qalziet ta' taht l-iskola, rrapportat lill-Pulizija u tghid li sa' fejn taf hi, l-investigazzjoni ghadha ghaddejja. Tirrakkonta episodju fejn il-mara tal-attur qaltilha li zewgha, waqt l-access, idahhal lill-minuri fil-kamra tal-banju u li hi ma tkunx taf x'qieghed jigri hemm gew. Izzid tghid li anke mart l-attur ghamlet rapport kontrih ghaliex skond hi ma kienx qed jiehu hsieb lit-tifla kif suppost.

Tiddikjara li l-access taht supervizjoni beda jsir fl-ewwel gimgha ta' Mejju 2013.

Taghlaq billi tghid li z-zwieg taghha huwa sod u li zewgha hafrilha ghar-relazzjoni adultera li hija kellha mal-attur u tghid ukoll li r-relazzjoni ma' bintha l hija tajba hafna u m'hija nieqsa minn xejn. Tghix maghhom bhala familja b'dan li zewgha jiehu hsiebha daqs li kieku kienet tieghu.

**<u>Il-Provi Migbura</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti provi:

Ir-rapport tad-DNA[5] anness mar-rikors promotur u li permezz tieghu gie kkonfermat li r-rikorrent huwa l-missier naturali tal-minuri;

Ir-rapport ta’ David Grillo[6] li wara li tkellem mal-partijiet kif ukoll ma’ zwieghom, ghamel diversi rakkomandazzjonijiet (fid-dawl tas-sitwazzjoni xejn felici bejn iz-zewg familji), fosthom li titqabbad *social worker* li taghmel visti liz-zewg familji, li r-rikorrent ikollu access minghajr supervizjoni ghall-minuri ghal darbtejn fil-gimgha ta’ erba’ (4) sieghat kull darba, liema access jigi rivedut entro sena mid-data tal-istess rapport, b’dan li wara sena l-access ikun jinkludi wkoll *sleepover* ghand ir-rikorrent;

Ix-xiehda ta’ Teresa B[7] fejn tikkonferma li r-ragel taghha kellu relazzjoni adultera mal-intimata izda tghid li hafritlu u accettatu. Tghid li t-tifla kienet qed taghmel xi mossi li mhux xierqa u li l-istess minuri stqarret li kienet ommha li qaltilha biex taghmel hekk. Tikkonferma li hija lesta li tiehu hsieb lill-minuri izda tiddiskrivi lill-intimata bhala mara li tigdeb u thedded.

Ix-xiehda ta’ WPS 158 Gillian Henwood[8] fejn tipprezenta affidavit taghha stess fejn tirrakkonta li fi Frar 2013 kien mar ir-rikorrent l-ghassa fejn qalilha li ftit ‘il boghod ipparkjata kien hemm C D li bdiet tibza’ tmur id-dar minhabba r-ragel taghha. Meta marret tkellimha ma’ kollega taghha, C kkonfermatilha li kellha l-inkwiet mar-ragel taghha peress li r-rikorrent fetah kawza ta’ paternita’. Stqarret li zewgha qalilha li jekk ikun hemm bdil fil-kunjom tal-minuri, ma jaccettahiex fid-dar tieghu. L-intimata xtaqet li l-Pulizija jkellmu lil zewgha minflok ma’ taghmel rapport. Zewgha kien mar l-ghassa u ntlahaq ftehim u ghalhekk telqu d-dar;

[5] Ara a fol 4 tal-process
[6] Ara a fol 6 tal-process
[7] Datata s-26 ta’ Gunju 2013 esebita a fol 38 tal-process
[8] Ara x-xhieda taghha datata t-13 ta’ Novebru 2013 esebita a fol 55 tal-process

Id-disgha u ghoxrin (29) rapport li saru mill-intimata u zewgha J D mal-Pulizija[9];

Rapport ta' Jennifer Zammit[10], *counsellor family therapist* fejn wara li tispjega t-tip ta' sessjoni li kellha fil-prezenza tal-minuri, taghti opinjoni fis-sens li l-minuri diga' rat diversi professjonisti, ftit izzejjed tenut kont tal-eta' u l-perjodu qasir li fih rat lill-istess professjonisti, u ghalhekk irrakkomandat li kwalunkwe *review* jigi pospost biex tigi evitata konfuzjoni u *pathologising*.

Ix-xiehda ta' J D, ir-ragel tal-intimata, li permezz tal-affidavit tieghu[11] jirrakkonta li kien l-attur stess li infurmah li martu kellha relazzjoni extra-matrimonjali mieghu. Dan gara ftit wara t-twelid tal-minuri I. Jghid li l-attur kellmu bl-gherra u bl-arroganza u sahansitra heddu. Infurmah li l-minuri kienet tieghu u ghalhekk iffaccja b'dan kollu lil martu li min-naha taghha ammettiet kollox. Jirrakkonta kif ittiehdu passi kontra l-attur u nstab hati wkoll talli ta fastidju lilu u lil martu. Jiddikjara li hafer lil martu u li qed jghixu hajja normali minkejja li huwa cert li l-minuri I m'hijiex tieghu peress li sar it-test tad-DNA. Jaghlaq billi jghid li kull darba li jiltaqa' mal-attur, joffendih izda jiddikjara wkoll li lill-minuri jhobbha u jrabbiha qisha wahda minn uliedu;

Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata l-1 ta' Novembru 2011[12] (b'dan li l-appell taghha waqa' dezert nhar il-31 ta' Jannar 2013) fejn l-attur instab hati li ta fastidu lill-konjugi C u J D b'hekk gie marbut b'oggligazzjoni personali taht penali ta' hames mitt Euro (€500) ghal zmien tnax (12) –il xahar milli jimmolesta jew jivvessa lil C u J D;

[9] Ara Dok. RB3 – Dok. RB 31
[10] Ara Dok. RB32 esebit a fol 239 tal-process
[11] Esebit a fol 117 tal-process
[12] Ara Dok. RB1 esebit a fol 121 tal-process

Rapport skolastiku[13] tal-minuri li juri li l-minuri qed tmur tajjeb u l-izvilupp taghha huwa wiehed tajjeb ukoll;

Kopja tal-process verbal datat it-8 ta' Ottubru 2013[14] fejn jigi indikat li m'hemm ebda indikazzjoni forensika li l-minuri qieghda tigi abbuzata fizikament jew sesswalment;

Kopja tal-akkuzi mahruga fil-konfront tal-intimata abbazi ta' akkuzi foloz fil-konfront tal-attur kif ukoll li ddenunzjat lill-Pulizija reat li taf li ma sarx[15];

## Dwar il-Kura u l-Kustodja

*F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***M. Bonnici vs Onor J. Raynaud***[16] *fejn gie dikjarat li "***Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal***" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet* ***Dr. V. Randon vs J. Randon***[17] *u* ***Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino***[18] *fejn gie ritenut li "***r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal***".*

In vista ta' dak suespost u in vista tal-provi esebiti in atti, jirrizulta bl-aktar mod car li z-zewg partijiet jivvantaw allegazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin. Ir-rikorrenti jikkontendi li l-intimata tigdeb filwaqt li l-intimata tivvanta allegazzjonijiet ta' abbuz da parti tal-attur fuq il-minuri. Dak li hu car huwa li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet krollat sal-punt li lanqas biss jistghu ikunu dicenti fil-konfront ta' xulxin. Il-Qorti tawgura li din is-sitwazzjoni titjieb ghall-gid tat-tifla. Mill-provi, l-allegazzjoni tal-intimata kwantu ghall-abbuz zgur li ma gietx pruvata, anzi jirrizulta li l-attur gie skolpat minn tali

[13] Ara Dok. RB3 esebit a fol 124 tal-process
[14] Anness ma' rikors tal-attur datat it-18 ta' Novembru 2014
[15] Ara tali dokument anness ma' rikors tal-attur datat it-18 ta' Novembru 2014
[16] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[17] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[18] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

akkuzi (u dan abbazi tal-fatt li ma rrizulta xejn mill-analizi forensika li saret) filwaqt li l-allegazzjoni fil-konfront tal-intimata ghadha sub judice ghaliex fil-process m'hemm ebda prova li l-istess intimata instabet hatja ta' rapport falz.

Dak li trid tiddeciedi l-Qorti huwa x'inhu fl-ahjar interessi tal-minuri u min hu l-aktar persuna idoneja sabiex jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri.

Tenut kont tal-fatt li l-minuri sejra tajjeb fl-iskola, ghandha zvilupp tajjeb u m'hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li l-intimata m'hijiex qed trabbi lill-minuri tajjeb, il-Qorti tara illi huwa fl-ahjar interess tal-istess minuri li ma jkunx hemm aktar taqlib f'hajjtiha u konsegwentement tibqa' tghix mal-intimata ommha.

**<u>Dwar l-access</u>**

Kif inghad aktar 'il fuq, il-Qorti thoss li m'ghandhiex tiddisturba l-hajja tal-minuri izda *stante* li jirrizulta bl-aktar mod car li l-minuri I hija l-wild naturali tal-attur, *stante* li jirrizulta bl-aktar mod car li l-istess attur ghandu ghal qalbu l-ahjar interessi tal-istess minuri u *stante* li l-istess attur gie skolpat minn kull forma ta' allegazzjoni ta' abbuz fil-konfront tal-minuri, l-Qorti thoss li l-access ghall-minuri I favur l-attur missierha ghandu jkun wiehed ampju, minghajr ebda forma ta' supervizjoni u jsir b'tali mod li jghin sabiex ir-relazzjoni ta' bejn il-bint u l-missier tkompli tikber. F'dan ir-rigward il-Qorti thoss li ghandhom jigu applikati s-suggerimenti ta' David Grillo fl-*intier* taghhom, izda *stante* li issa ghadda z-zmien, il-Qorti thoss li wasal iz-zmien ukoll li l-minuri jkollha *sleepover* ma' missierha darba fil-gimgha u cioe' gimgha 1 mill-gurnata tal-Gimgha minn wara l-iskola sal-ghada s-Sibt fl-4.00pm u gimgha 2 mill-gurnata tas-Sibt fl-4.00pm sal-ghada l-Hadd fis-6.00pm. Il-minuri tingabar mill-iskola jew mill-ghassa tal-lokalita' tal-intimata (skond liema jkun applikabbli ghall-granet in partikolari) u tigi ritornata fl-istess ghassa tal-Pulizija.

**Dwar il-manteniment**

Il-Qorti taghmel referenza ghar-rikors promotur u li permezz tieghu l-attur talab li jibda jithallas manteniment ghal bintu abbazi tal-ewwel talba tieghu u cioe' dik tal-kura u l-kustodja. Illi l-Qorti ser tichad l-ewwel talba kif spjegat aktar 'il fuq abbazi tal-fatt li ma thossx li huwa idoneju ghall-minuri li tbiddel hajjitha, tbiddel ir-residenza u titlaq mill-familja fejn s'issa trabbiet ghaliex tali bdil jista' jkollu konsegwenzi kbar fuq l-istess minuri. Jigi rilevat li l-intimata ma tressaq ebda kontro-talba u konsegwentement, il-Qorti ghandha jdejha marbutin dwar il-kwistjoni ta' manteniment. Apparti l-fatt li sal-gurnata odjerna, l-Qorti s'issa m'ghandha ebda prova li kien hemm bdil ufficcjali fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, hemm ukoll il-kwistjoni li l-Qorti hija prekluza milli tmur *oltre* mit-talbiet attrici. Ghalhekk, fid-dawl ta' dan, filwaqt li tichad it-tieni talba kwantu ghall-hlas ta' manteniment da parti tal-intimata (dejjem abbazi tal-fatt li l-istess minuri ser tibqa' tghix mal-istess intimata), tista' biss tirrakkomanda lill-attur sabiex jibda jivversa manteniment ta' mitejn Euro fix-xahar *oltre* l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri, b'dan li tali hlas ta' manteniment ghandu jigi regolarizzat permezz ta' kuntratt jew digriet.

**Il-Modalitajiet l-ohra**

Il-Qorti tara li l-attur ghandu interess qawwi f'bintu u ghalhekk, minkejja li l-ewwel talba tieghu m'hijiex qed tigi milqugha, l-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex l-istess attur m'ghandux jinghata kull informazzjoni da parti tal-iskejjel jew l-istituzzjonijiet fejn tattendi l-minuri (inkluzi dawk extra-kurrikulari) u f'dan is-sens tawtorizzah japplika jew jinforma lil tali istituzzjonijiet jew skejjel sabiex jibdew jibghatulu korrispondenza wahdu.

Il-Qorti thoss ukoll li f'kaz li l-minuri turi x-xewqa li tmur xi attivita' extra-kurrikulari, allura l-partijiet ghandhom jikkontribwixxu kwantu ghal nofs kull wiehed kwantu ghal attivita' extra-kurrikulari wahda. Kwalunkwe decizjoni relatata ma' xi attivita' extra-kurrikulari ohra ghandha tittiehed miz-zewg partijiet flimkien, b'dan li jekk ma jkunx hemm ftehim, kull parti jkollha d-dritt li tiehu lill-minuri ghal tali attivita' (minghajr ma jkun hemm *overlap* fil-granet tal-access ghall-missier) b'dan li allura l-ispejjez ikunu a karigu ta' dak il-genitur li jiddeciedi li jiehu lill-minuri ghal xi attivita' extra-kurrikulari ohra apparti dik miftehma bejn il-partijiet.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dak citat,  il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tichad l-ewwel talba in parte u cioe' kwantu ghall-kura u l-kustodja tal-minuri izda tilqa' l-istess talba in *parte* billi tiddeciedi li l-access favur l-attur ghandu jkun skond kif indikat fil-paragrafu intitolat 'Dwar l-Access';

2. Tichad it-tieni talba;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna l-modalitajiet kollha hekk kif elenkati fil-paragrafu intitolat 'Il-modalitajiet l-ohra';

Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------